TONY TERRIBILE

# COWBOYS, QADDISIN U PRINĊPIJIET F'TAS-SLIEMA

In-nies ta' Tas-Sliema, li għexu fl-aħħar tas-Seklu 1800 u fl-ewwel snin tal-1900, iltaqgħu tabilħaqq ma' tnejn famużi mad-dinja kollha, u ieħor magħruf sewwa fl-Ewropa. Dawn kienu:

**1** – Il-Cowboy William Cody, magħruf bħala "Buffalo Bill", li twieled l-Amerika fl-1845. Ma kienx hemm Amerikan tal-"Wild West" li kien jirkeb aħjar minnu fuq żiemel abjad u jiġri wara bufli u bhejjem oħra li jaqbadhom b'ħeffa ta' l-għaġeb bil-lassos – ingassa f'tarf ta' ħabel imkebbeb ma' driegħu. Jingħad li meta, qabel, kien impjegat mal-Kansas Pacific Railway bħala kuntrattur biex jipprovdi l-laħam lill-ħaddiema li kienu qed ipoġġu l-linji tal-ferrovija, huwa qabad bil-lassos tiegħu u qatel 4,800 buflu matul 18-il xahar. Hekk kien sar "showman" mill-aqwa u beda jdur l-Amerika u l-Ewropa jagħti l-wirjiet spettakulari tiegħu. U ġie f'Tas-Sliema fejn għal xhur sħaħ waqqaf tinda kbira qrib it-Torri, billi dak iż-żmien dik in-naħa kienet għadha kollha raba' u xagħri. Kien jagħti wirjiet li għalihom kienu jiġu nies minn kullimkien u jistagħġbu u jċapċpu lilu u 'l cowboys l-oħra li kienu jgħinuh, fosthom mara tagħmel akrobaziji fuq ċirku kbir idur madwarhom. Liema tfal, illum xjuħ u wħud mejtin, ma semgħux bih?



**2** – Il-Qaddisin, imbagħad, li litteralment imxew fit-toroq ta' Tas-Sliema l-ewwel wieħed kien il-Beatu Dun Mikiel Rua, suċċessur ta' San Ġwann Bosco, fundatur ta' l-Ordni tas-Salesjani. Ġie Malta darbtejn. L-ewwel darba f'April 1906 fejn ħa sehem fil-ftuħ uffiċjali ta' St Patrick's, l-ewwel waħda mill-ħafna opri tas-Salesjani li tant għamlu ġid lit-tfal Maltin. Issemmiet "St Patrick's Industrial School", li minbarra li jiġu mgħallma l-iskola, kienu jitgħallmu wkoll xi snajja' u l-mużika. Fosthom mill-ewwel twaqqfet ukoll Banda, li 'l quddiem bdiet tagħmel sehem minn "The Salesian Boys Brigade" li saret famuża u baqgħet magħrufa għall-kunċerti li kienet tagħti, kemm fl-Istitut, kif ukoll fit-triqat ta' Tas-Sliema u bliet u rħula oħra u d-drill preċiż li kienu jagħmlu fuq stil militari. F'din l-okkażjoni, il-Beatu Rua għamel l-Ewwel Tqarbina lil ħafna mit-tfal ta' St. Patrick's.



**"St Patrick's Industrial School", illum St Patrick's Institute.**

Il-Beatu Dun Rua, imbagħad żar Malta t-tieni darba kważi sentejn wara. Nhar is-7 ta' Mejju 1906 saret iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-"Juventutis Domus" u ta' l-Oratorju Festiv li l-magħruf u filantropiku kbir, is-Sur Alfons Maria Galea, flimkien ma' martu s-Sinjura Liża née Asphar, bnew minn flushom u taw lis-



**Il-Banda tat-tfal ta' l-Istitut St Patricks, mar-Rettur ta' l-Iskola u Mro Michael A. Zammit.**

Salesjani. Fil-jum imsemmi, is-"Sur Fons", kif kien magħruf, ikkunsinja ċ-ċwievet ta' dawn iż-żewġ opri kbar, eżatt quddiem il-bini ta' St Patrick's, lil Beatu Rua, li dak iż-żmien kien is-Superjur Ġenerali tas-Sależjani. Ma nkunux nesaġeraw jekk ngħidu li minn dak inhar il-ħajja soċjali u edukattiva f'Tas-Sliema ħadet spinta qawwija 'l quddiem li tat frott kotran fost l-eluf ta' tfal żgħażagħ u rġiel, li kellhom ix-xorti jgawdu minn dawn l-opri siewja. Alla waħdu jaf il-ġid li ħareġ minnhom. Il-barka li tahom il-Beatu Dun Mikiel Rua għadha taħdem sallum. Kien xieraq, għalhekk li triq f'Tas-Sliema, qrib l-inħawi, tissemma għalih.

**3** – Il-Prinċep li semmejna fil-bidu, li bħal famużi "Buffalo Bill" u Beatu Rua ġew u qagħdu għal xi żmien f'Tas-Sliema, kien il-Prinċep Karlu ta' Capua. Kien iben ir-Re Ferdinandu II ta' Napli, imsejjaħ "Ir-Re delle due Sicilie", li kien iżżewweġ mara Ingliża kontra r-rieda ta' missieru. Il-Prinċp Karlu, imkeċċi mir-renju ta' missieru, għammar ma' martu fil-palazz sabiħ imdawwar b'ġonna mill-aqwa, li aktar 'il quddiem ħa l-isem għalih, bħala "Capua Palace". Qabel ġie l-Prinċep ta' Capua, il-palazz kien magħruf bħala "Selma Palace". Capua Palace għadda minn ħafna idejn għalkemm żamm isem il-Prinċep. Illum, parti milli baqa' minnu, jinsab Sptar privat u wkoll Flats, Dar u Lukanda. Għalkemm Capua Palace tilef ħafna mill-ispazju tiegħu, għadha tidher mhux ħażin l-eleganza li kellu fil-bidu, b'uħud mill-kolonni li kienu jdawruh bħala xhieda.


Victor's Jewellery




**The First Jeweller in Tower Road - Sliema**

**Family run business Established 1945**

**7, TOWER ROAD, SLIEMA - MALTA TEL: 338460**